# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' April 2025**

**Numru : 12**

**Rikors numru : 226/2020/1 AGV**

**AB**

**v.**

**CB**

Din hija sentenza minn appell imressaq mill-konvenuta wara sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2024 li permezz tagħha l-Qorti tal-Familja ddikjarat is-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet wara li sabet lill-konvenuta ħatja għat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet; ċaħdet it-talba attriċi kif ukoll it-talba rikonvenzjonali sabiex tapplika kontra l-partijiet rispettivi d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili; ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti; ġew likwidati l-assi

appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll dawk parafernali u ordnat l-assenjazzjoni ta' kull sehem relattiv.

**Preliminari**

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (l-Ewwel Qorti) fis-7 ta' Diċembru, 2020 AB (l-Attur) spjega s-segwenti:

> "i. Illi l-kontestanti zzewgu fil-Parocca ta' Birzebbuga nhar it-tmintax ta' Mejju tas-sena elf disa mija wiehed u disghin (1991) liema kien gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 666/1991 (kopja tac-certifikat hawn annessa u mmarkata bhala Dok.A).
>
> ii. Illi minn dawn iz-zwieg twieldu tlett itfa u cioe' P li twieled fit-tlieta ta' Lulju elf disa mija u hamsa u disghin(1995), m li twieldet fid-dsatax ta' Ottubru 1998 u D li twieled nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru tas sena elfejn u tlieta (2003)(certifikati hawn annessi u mmarkati Dok B1, Dok B2, U Dok B3).
>
> iii. Illi l-intimata irrendiet ruhha hatja ta 'adulterju fil-konfront ta' zewgha rikorrenti b`rizultat li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom m`ghadhiex aktar possibli tant li z-zwieg tkisser irremedjabbilment.
>
> iv. Illi in oltre l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti hija impossibbli minhabba inkompatibilta ta' karattru.
>
> v. Illi l-kontendenti gew awtorizzati sabiex jipprocedu ghas-separazzzjoni personali u din l-Onorabbli Qorti datata disgha u ghoxrin ta' Ottubru (2020) fl-atti tal-ittra numru 151/19 hawn anness u mmarkat Dokument C."

2. L-attur imbagħad għadda sabiex ressaq dawn it-talbiet:

> "1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimata.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D f`idejjn ir-rikorrenti fl-ahjar interess tal-istess minuri.

3. Tiffissa retta alimentarja pagabbli bhala manteniment mill-intimat lir-rikorrenti ghat-tifel minuri D u ghal M a li ghalkemm hija maggorenni qed tistudja full-time gewwa l-Universita' ta' Malta kif ukoll timponi l-modalitajiet tal-hlas tal-istess retta inkluz li l-manteniment jizdied perjodikament sabiex jaghmel tajjeb ghall-effetti tal-gholi tal-hajja.

4. Tikkomina kontra l-istess rikorrenti il-provvediment tal-Artikolu 48 u l-Artikolu 51 sa 61 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u in partikolarment illi l-intimata iddekadiet mid-drittijiet successarji taghha fil-konfront tar-rikorrenti.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tillikwida u taqsam l-istess f 'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet b'dan li jigi applikat s-sanzjonijiet imsemmija fil-hames talba fil-konfront tal-intimata okkorrendo bin-nomina ta' Perit nominandi.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportuni tal-qasma u assenzjoni, u kuratur jirrapprezenta l-eventwali kontumacja tal-intimata fuq l-istess f' kaz ta' bzonn.

7. Tordna l-bejgh bil-licitazzjon u tal-assi immobbli f' kaz li jirrizulta li dawn ma jistghux jigu komodament divizi.

8. Tikkundanna lill-intimata tirrestitwixxi lir-rikorrenti l-propjeta' kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hi ngunta ghas-subizzjoni."

3. B'<u>risposta ġuramentata</u> tat-<u>12 ta' Jannar, 2021</u> CB (il-Konvenuta) laqgħet għall-azzjoni attriċi billi ressqet l-eċċezzjonijiet segwenti:

"1. Illi dawn il-fatti u l-allegazzjonijiet rilevati fir-rikors promutur ghal dina r-risposta il-konvenuta tixtieq tirrileva s-segwenti u cioe' illi hemm qbil limitament ghall-fatt li l-konvenuta tixtieq illi hemm qbil limitatament ghal fatt li l-kontendenti partijiet kienu zzewgu fit-tmintax ta' Mejju tas-sena elf, disa mija wiehed u disghin gewwa l-Parocca ta' San Pietru tal-Ktajjen, Birzebbuga u minn liema zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, P, li twieled fit-Tlieta ta' Lulju elf disa' mija hamsa u disghin, M li twieldet fid-dsatax t' Ottubru 1998 u D li twieled nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru, tas-sena elfejn u tlieta (2003).

2. Illi huwa minnu wkoll li z-zwieg bejn il-kontendenti partijiet tkisser irrimedjabbilment, izda kien l-attur li rrenda ruhu responsabbli fil-konfront tal-konvenuta u uliedu ta' inter alia sevizzi, eccessi, mohqrija, vjolenza kif ukoll dik psikologika theddid, ngurji gravi, minacci u adulterju.

3. Illi ma hemmx qbil li l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti partijiet hija impossibbli minhabba inkompatibilta' ta' karattru izda minhabba r-ragunijiet kif moghtija fil-paragrafu precedenti.

4. Illi in kwantu dwar it-talbiet tal-attur il-konvenuta tixtieq tirrileva s-segwenti u cioe' f 'dak li jirrigwarda l-ewwel talba din ghandha tigi michuda peress li kif ser jirrizulta ampjament car mix-xhieda mressqa mill-konvenuta fil-mori tal-kawza odjerna l-attur huwa unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg odjern.

5. Illi in kwantu ghat-tieni talba tal-attur il-konvenuta hija tal-fehma li din l-Qorti ghandha tiddikjara u tiddecidedi illi s-setghat ta' genituri ghandhom jigu vestiti esklussivament f 'idejn il-konvenuta f' dak li jirrigwarda l-minuri D , peress li kienet l-istess konvenuta li ghal dawn l-ahhar snin dejjem hadet hsieb u indukrat l-istess minuri minn sena ghal ohra mill-lat tat-trobbija kif ukoll mill-lat finanzjarju ghajr meta ghal ftit minn sena fejn l-istess attur beda jissomministra l-manteniment lill-konvenuta ghal binhom il-minuri.

6. Illi in kwantu ghat-tielet talba tal-attur l-konvenuta tirreleva li ghandu jkun l-attur li jigi ikkundannat ihallas lill-konvenuta ghall minuri D u ghal maggorrenni M li qieghda tistudja full-time gewwa l-Universita' ta' Malta, dik ir-retta alimentarja li tigi stabbilita fuq bazi direttament pagabbli tieghu u jghaddi f' kont bankarju tal-esponenti liema retta alimentarja ghandha tizdied kull sena skont ir-rata ta' inflazzjoni.

7. Illi in kwantu ghar-raba' talba din it-talba ghandha tigi michuda stante li l-komportament kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza odjerna qatt ma wassalha sabiex hija tiddekadi minn sehemha fil-komunjoni fil-konfront tal-attur. Dawn l-allegazzjonijiet tal-attur kif ser jirrizulta f'din il-kawza m`huma xejn hlief insinwazzjonijiet tal-attur abbuzivi sabiex b`hekk l-istess attur ikun jista' malizzjonalment jibbenifika ruhu mill-effetti l-Artikolu 48 et seq kif ukoll mit-telf tal-jeddijiet tal-Ligijiet ta' Malta, semmai d-disposizzjoni tal-Artikolu citati mill-attur ghandhom jigu applikati fil-konfront tieghu stess.

8. Illi in kwantu ghall-hames u sitt talba tal-attur, il-konvenuta taqbel illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara xolta li l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u sussegwentement ordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu divizi f`zewg porzjonijiet li jigi assenjati lill-kontendenti partijiet kif jigi stabbilit minn din l-Qorti occorrendo bil-opera ta' periti nominandi u Nutar Pubbliku sabiex l-att relattiv.

9. Illi in kwantu s-seba' talba tal-attur ma hemmx qbil in vista tal-fatt li ma hemmx assi immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

10. Illi in kwantu it-tmien talba l-istess konvenuta m`ghandhiex l-ebda oggezzjoni li salv ghal dawk li diga' jinsab fil-pussess tal-attur l-oggetti kollha dotali u parafernali tieghu li diga' jinsabu fil-pussess kif stabbilit minn l-Onorabbli Qorti jigu kkonsenjati lill-attur u sussegwentement huwa jinghata l-pjena amministrazzjoni taghhom.

11. Salv risposta ulterjuri.

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' Medjazzjoni kontra l-attur li minn issa huwa ngunt in subizzjoni."

4. Il-konvenuta ressqet ukoll <u>kontrotalba</u> fejn spjegat:

"1. Illi l-kontendenti partijiet kienu zzewgu fit-tmintax (18) ta Mejju tas-sena elf disa' mija wiehed u disghin (1991) gewwa l-Parocca ta' San Pietru Tal-Ktajjen, Birzebbuga.

2. Lill minn liema zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal P li twieled fit-tlieta ta Lulju Tas-sena elf disa mija u hamsa u disghin (1995) u ghnadu hamsa u ghoxrin sena (25), M li twieldet fid-dsatax ta' Ottubru tas sena elf disa mija u tmienja u disghin (1998) u li ghandha tnejn u ghoxrin sena (22), u D twieled fil-wiehed u ghoxrin ta' Jannar Tas-Sena elfejn u tlieta (2003) u li ghandu sbatax-il sena.

3. Illi l-attur rrenda ruhu responsabbli fil-konfront tal-konvenuta u uliedu ta' inter alia sevizzi, eccessi, mohqrija, vjolenza kif ukoll dik psikologika theddid, ingurji gravi, minacci u adulterju.

4. Illi l-esponenti qieghda tipprevalixxi ruhha mir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur rikonvenzjonat sabiex tipprezenta l-kontro-talba taghha.

5. Illi l-esponenti konvenuta taf b`dawn il-fatti personalment."

5. Kompliet b'dawn it-talbiet rikonvenzjonali:

"1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti partijiet ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attur rikonvenzjonat u dan minhabba sevizzi eccessi, mohqrija , vjolenza kif ukoll dik psikologika theddid, ingurji gravi, minacci u adulterju u dan kif ser jigu pruvat fil-mori ta' din il-kawza.

2. Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri DZ lill-esponenti konvenuta.

3. Tikkundana lill-attur rikonvenzjonzat ihallas lill-esponenti konvenuta dik r-retta alimentarja li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti ghaz-zewgt itfal, Da u M ahwa Z oltre' nofs l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni liema ammont ghandu jinqata' direttament mill-paga tieghu u jghaddi f'kont bankarju tal-esponenti konvenuta liema retta ghandha tizdied kull sena skond ir-rata ta' inflazzjoni.

4. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas dik ir-retta alimentari li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala manteniment ghall-istess esponenti konvenuta liema retta alimentari ghandha tizdied kull sena skond ir-rata tal-inflazzjoni.

5. Tapplika konta l-attur rikonvenzjonant interament jew in parti id-disposizzjonijiet tal-Artikolu tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportun fic-cirkustanzi kollha tal-kaz.

6. Tordna l-izgumbrament tal-attur rikonvenzjonat mill-fond matrimonjali ossia – *omissis* – , propjeta' parafernali tal-istess esponenti konvenuta.

7. Tiddjkara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u sussegwentement tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu divizi din il-Qorti, okkorendo bl-opera ta' Periti nominandi.

8. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjonijiet u kuratur sabiex jirrprezenta l-eventwali kontumacja tal-attur rikonvenzjonat fuq l-istess att f' kaz ta' bzonn.

9. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat sabiex jikkonsenja lill-esponenti konvenuta, il-beni kollha parafernali taghha u separatament tordna lill-konvenuta tigi moghtija lilha l-piena amminstrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

10. L-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem il-Medjatur konta l-attur Rikonvenzjonat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni."

6. B'risposta ġuramentata tas-26 ta' Jannar, 2021 l-attur rikonvenzjonat laqa' għal kontrotalba billi ressaq l-eċċezzjonijiet segwenti:

"1. Illi it-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanta ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt in kwantu mhux misthoqqa u bbazati fuq premessi nveritieri.

2. Illi fir-rigward ta' dak premess minn l-ewwel sar-raba' premessa l-esponent rikonvenzjonat jerga' jtenni illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba adulterju da parte tal-konvenuta u mhux minnu illi tkisser minhabba sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija da parte tal-esponent hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori ta dawn il-proceduri.

3. Illi ghalhekk l-ewwel talba tal-konvenuta rikonvezjonanta ghandha tigi michuda.

4. Illi fir-rigward tat-tieni talba tal-konvenuta rikonvenzjonata, l-esponent jirrileva illi b`effett mill-wiehed u ghoxrin ta' Jannar elfejn u wiehed u ghoxrin, it-tifel tal-kontendenti D, ghalaq it-tmintax il-sena u ghaldaqstant ma ghadux minuri.

5. Illi l-esponent jirreleva f' kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost kull manteniment dovut ghandu jinghata direttament lit-tfal in vista tal-eta' tal-istess tfal u dan sakemm jilhqu l-età ta' tlieta u ghoxrin sena u dment li l-istess tfal ikomplu jistudjaw u ma jibdewx jahdmu full-time.

6. Illi fir-rigward tar-raba' talba tal-konvenuta, l-istess konvenuta rikonvenzjonata ddekadiet mid-dritt ta' manteniment li seta' kien dovut lilha b 'konsegwenza tal-adulterju kommess minnha u dan ai termini tal-Artikolu 48 (1)(d) tal-Kodici Civili.

7. Illi fir-rigward tal-hames talba din ukoll ghandha tigi michuda stante kif ser jigi ppruvat kienet il-konvenuta illi wettqet l-adulterju u kif ukoll b 'konsegwenza ta' tali adulterju abbandunat lill-familja taghha, inkluz lill-esponenti minghajr ebda raguni valida.

8. Illi b`referenza talba l-esponenti jikkontendi illi f` kull kaz izda minghajr pregudizzju ghandu jigi kkumpensat ghall-miljorament illi ghamel u ghall-mobbli illi akkwista fl-istess fond matrimonjali.

9. Illi b`referenza ghas-seba' talba hemm qbil illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kif stabbilit u ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi u Nutar Pubbliku sabiex japplika l-att relattiv.

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta rikonvenzjonant li hi minn issa ngunta biex tidher in subizzjoni."

7. B’sentenza mogħtija fil-15 ta’ Ottubru, 2024 l-Ewwel Qorti ddeċidiet kif isegwi:

“1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro minhabba ngurji gravi u sevizzi kommessi da parti tal-konvenuta.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li llum Dale sar maggorenni.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba u dan stante li kemm M kif ukoll D saru maggorenni.

4. Tichad ir-raba’ talba attrici.

5. Tilqa’ l-hames talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u tillikwidaha kif fuq deciz fl-intestatura “Komunjoni tal-Akkwisti.”

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba stante li m’hemmx in-necessita’.

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba’ talba, stante li ma tirrizultax.

8. Tilqa’ t-tmien talba attrici u tordna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur id-dehebijiet, l-arlogg, kif ukoll is-snieter imsemmija.

**Kontro-Talba**;

1.Tilqa’ l-ewwel kontro-talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta rikonvenzjonanta.

2.Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni kontro-talba stante li D llum huwa maggorenni.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet kontro-talba attrici u dan stante li kemm M kif ukoll D, huma maggorenni u m’ghadx hemm in-necessita’ li jithallsu manteniment.

4. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni ta’ dina r-raba’ kontro-talba stante li giet irtirata mill-konvenuta.

5. Tichad il-hames kontro-talba stante li m’hemmx in-necessita’.

6. Tilqa’ s-sitt kontro-talba stante li l-fond – *omissis* – hija proprjeta’ parafernali tal-konvenuta.

7. Tilqa' s-seba' kontro-talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti skond kif deciz fl-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti."

8. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien kontro-talba stante li m'hemmx in-necessita.

9. Tilqa' d-disa' kontro-talba sa fejn applikabbli.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta."

8. Ir-raġunijiet relevanti għal dan l-appell li wasslu lill-Ewwel Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha huma kif ġej:

"**Responsabbilita'**

L-attur qed jaddebita l-htija tas-separazzjoni lill-konvenuta minhabba li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju, filwaqt li l-konvenuta fil-kontro-talba taghha qed tabbita lill-attur diversi aggravji tas-separazzjoni kif ikkontemplati taht l-ligi minn sevizzi, eccessi, ingurji gravi, mohqrija, minacci u adulterju.

[...]

**Adulterju tal-konvenuta**

L-attur jishaq li sakemm kellhom it-tfal ma kellhomx xi problemi partikolari fiz-zwieg, kien biss wara meta l-konvenuta kienet bdiet tohrog filghaxijiet u hafna drabi tirritorna lura fis-sakra.

Il-konvenuta tirribatti din l-allegazzjoni u tghid li dawn l-akkuzi huma frott biss tal-ghira ezagerata li ghandu l-attur fil-konfront taghha, tant li kien anke sahansitra jsir vjolenti maghha.

L-attur jallega li l-adulterju gie kommess ma' certu D, li kellu hanut tal-haxix faccata tal-hanut ta' huh fejn kienet tmur tghin il-konvenuta. Skond l-attur kienet tqatta' hafna hin ticcacra mieghu, izda madanakollu ma ressaqx lil huh sabiex jikkonferma dan.

L-attur xehed ukoll li kien ircieva messagg anonimu fejn infurmawh li l-konvenuta kienet qed twettaq adulterju u l-istess messagg kienet ircevietu omm il-konvenuta. Dawn il-fatti mhumiex ikkontestati mill-konvenuta.

Inoltre, l-attur jikkonferma li l-konvenuta stess kienet ammettiet mieghu li kienet ilha taqlibielu ghal hames snin.

Suspetti tal-infedelta' tal-konvenuta kienu anke ta' binthom M, pero' l-attur jaghmilha cara li ma xtaqitx titla' tixhed kontra ommha u dan meta skond l-attur kemm hu kif ukoll binthom M, kienu kkonfrontaw lil dan D meta baqa' jibghat messaggi sabiex isaqsi ghalfejn il-konvenuta ma kinitx qed tiltaqghu mieghu izjed,

L-attur semma incident iehor sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li kien hemm adulterju u dan meta, waqt li l-konvenuta kienet bdiet tahdem Pama, kien mar isegwiha u ghad jistenna gewwa kafe' fejn ra wiehed ragel li jirreferi ghalih bhala kollega tal-konvenuta jaghti wisq kunfidenzi u kien mar jikkonfrontahom, tant li spiccaw il-Qorti. Quddiem il-Qorti, l-attur kien ammetta l-incident u dan sabiex jevita li jeskalaw l-affarijiet. Inoltre, in kontro-ezami, gie anke allegat li dina l-persuna li maghha kien ra lill-konvenuta hija omosesswali li ggib l-isem ta' P.

Il-Qorti tirrileva li dawn il-provi per se mhumiex provi sufficjenti li jikkonvincuha li kien hemm adulterju sal-grad rikjest mil-ligi, Mhumiex cari, konkordanti u lanqas ma jirrapprezentaw indizji cari.

Ciononostante, dina l-Qorti mhix konvinta xejn li l-konvenuta kienet xi mara idejali li tiddedika l-hin taghha lill-familja u jekk l-attur kien ghajjur u possessiv, certament hemm indikazzjonijiet li kien hemm certi kunfidenzi zejda mal-irgiel, peress li kemm il-messaggi anonimi, kif ukoll il-fatt li l-konvenuta ma tantx innegat dak kollu li xehed fuqu l-attur ma jaghmlux il-verzjoni taghha daqstant kredibbli u ghalhekk jista' jigu addebitati lilha ingurji gravi u sevizzi fil-konfront tal-attur.

**Adulterju tal-attur**

Kien biss lejn l-ahhar tal-proceduri li l-konvenuta ressqet provi sabiex takkuza lill-attur li kkommetta adulterju fil-konfront taghha. Il-provi li ressqet kienu permezz ta' nota a fol. 834 tal-process, fejn pproduciet Valentine Card mibghuta lill-attur u kienet sabitha fid-dustbin, kif ukoll ritratt tal-attur ma' mara femminili li fil-fehma tal-attur kienet imbabza peress li fir-ritratt originali kien hemm anke ir-ragel ta' dina l-istess mara, tant li talab li anke jipproduci dan l-istess ritratt.

Dina l-Qorti temmen li l-verzjoni tal-konvenuta hija wisq koincidenza u mhux veritiera. Giet ipprezentata wara li kwazi l-proceduri waslu fil-final taghhom. Anke jekk in pessima ipotesi kien hemm adulterju kommess da parti tal-attur, certament kien jissemma ferm qabel u ghaldaqstant dina l-Qorti mhix konvinta li kien il-kagun tal-problemi maritali taghhom.

**Vjolenza tal-attur**

Il-konvenuta tinsisti li problema li waslet ghat-tifrik fiz-zwieg taghhom kien peress li l-attur kien issir vjolenti u tirrferi ghall-incident li sehh Pama,

fejn kellhom jintervjenu l-Pulizija. L-attur isostni li l-verzjoni tal-konvenuta hija inveritiera ghall-ahhar, tant hu hekk li l-unika prova li ressqet kienet il-Case Summary Report fejn kienet allegat li kien waddbilha fan f'ghonqha u per konsegwenza kienet waqghet mal-art ghal daharha u l-attur kien gidmilha spallitha.

Il-Case Summary Report, jissottometti l-attur jirreferi ghall-fatt li l-konvenuta kienet ilha tilmenta li ghal l-ahhar jumejn kellha ugigh f'zaqqha ta' natura gastrika u dan kien ghall-habta ta' Settembru, 2016, meta l-incident tal-fan kien sehh f'Awissu, 2016.

Dan iwassal sabiex dina l-Qorti mhi konvinta xejn bl-allegazzjonijiet tal-konvenuta li l-attur irrenda ruhu hati ta' vjolenza. Jekk kien hemm xi episodji kienu minimi u dan wara li l-hajja bejniethom saret insopportabbli.

In kwantu jirrigwarda l-aggravi l-ohra l-konvenuta naqset li tipprovahom.

[...]

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

**<u>1.Kontijiet Bankarji</u>**

Mill-provi prodotti hemm qbil bejn il-partijiet li bhala kontijiet bankarji miftuhin il-partijiet ghandhom is-segwenti:-

**<u>Bank of Valletta plc.</u>**
• Kont f'isem il-konvenuta bin-numru 13505764016
• Kont kongunt f'isem il-partijiet bin-numru 13503734019

**<u>HSBC Bank Malta plc.</u>**
• Savings Account f'isem l-attur bin-numru 047030986050
• Joint account bin-numru 047030978050

Il-partijiet qed jaqblu li dawn il-kontijiet ghandhom jigu likwidati u divizi bejniethom.

**<u>2. Poloz ta' Assikurazzjoni</u>**

Mir-rizultanzi processwali jista' jigi kkonfermat li jezistu zewg poloz ta' assikurazzjoni mal-Mapfre MSV Life li huma s-segwenti:-

• FP414820 li timmatura fil-25 ta' Ottubru, 202650li tghajjat lit-tfal P u M;
• FP 442959 li timmatura fl-1 ta' Ottubru, 202851 li tghajjat lit-tifel D.

L-attur jinsisti li kien hemm ftehim li hu ghandu jhallas il-polza ta' P u M. verzjoni totalment kontrastanti in kwantu tallega li qatt ma kien hemm ftehim dwar min kellu jhallas dawn il-poloz, izda qabel kienet thallashom

hi mic-childrens allowance u mill-flus li kienu jircievu t-tfal fil-Milied, gheluq sninhom u festi simili.

Itenni li l-attur iddecieda li jibda jhallas hu u beda jhallas l-polza li kienet l-irhas.

Tenut kont li hemm diskrepanza minima bejn iz-zewg poloz (l-ewwel polza €465.88 fis-sena u t-tieni wahda €500 fis-sena) il-Qorti tordna li sakemm jimmatura l-ewwel polza ghandha tithallas mill-attur, filwaqt li t-tieni wahda ghandha tithallas mill-konvenuta. Mal-maturazzjoni tal-istess poloz, il-benefikati ghandhom jithallsu lit-tfal rispettivi.

[...]

**5. Dar Matrimonjali**

Hemm qbil li d-dar matrimonjali hija parafernali ghall-konvenuta u dan stante li nghatat lilha permezz ta' donazzjoni mill-ġenituri taghha u dan kif jirrizulta mill-atti tan-Nutar Dr. Ruben Casingena, izda l-attur qed jinsisti li ghandu jithallas sehemhu tal-benefikati li ghamlu fl-istess fond. Huwa f'dan is-sens li hemm verzjonijiet kontrastanti bejn il-partijiet ghaliex il-konvenuta tinsisti li ma kienux saru xogholjiet fil-fond, semplicement ghamlu t-tibjid u anke kienu xtraw *cooker u fridge*.

Hemm qbil ukoll li sabiex saru dawn ix-xogholijiet ta' finishings kienu hadu self bankjarju mal-HSBC Bank fl-ammont ta' **Lm20,000** ekwivalenti ghall- **€46,587.46** Minkejja li l-konvenuta taqbel ma' dan tirrileva li dan is-self ma kienx interament ghall-iffinanzjar tal-ghamara u l-appliances, izda anke sabiex jiffinanzjaw ukoll self mill-Bank of Valletta plc.

Mill-provi li ressqet il-konvenuta jirrizulta li minn dan is-self, **€15,565.52** kienu marru sabiex jigu saldati s-self li kellhom mal-Bank of Valletta plc. u ghalhekk ir-rimanenti **€31,021.94** kien l-ammont intiz "to purchase furniture and appliances."

**Ghalhekk, dina l-Qorti tordna li l-attur ghandu jithallas sehemhu mill-istess ammont u cioe' l-ammont ta' €15,510.50.**

Jibqa' biex jigi kkunsidrat min ghandu jkompli jhallas is-self mal-HSBC li sal-20 ta' Mejju, 2023 kellu bilanc ta' €14,804. Konsiderando li l-fond huwa parafernali ghall-konvenuta u konsiderando ukoll li ghalkemm l-attur kien assuma wahdu l-hlas ta' dan il-self, dan kien minhabba li kien manteniment dovut ghat-tifla Maria u kien jigi saldat b'tali hlas, dan is-self fil-kont kongunt 18039368 HSBC ghandu jigi trasferit fuq il-konvenuta.

Jirrizulta ukoll li fuq dan il-fond kien hemm il-kontijiet tad-dawl u ilma u mill-assjem tal-provi jirrizulta li dawn kienu qed jithallsu regolarment mill-konvenuta u dan gie ukoll ikkonfermat mir-rapprezentanti tal-ARMS stess. Dan kien fl-istess perjodu li l-attur kien qieghed fid-dar

> matrimonjali. L-istess attur jammetti li ma kienx qed ihallas peress li l-konvenuta kienet qed timpedih milli jaghmel uzu mill-gyzer, washing machine u oggetti ohra li jikkunsmaw l-elettriku.
>
> Jirrizulta ukoll li l-konvenuta kienet baqghet thallas bejn it-8 ta' Ottubru, 2019 sat-8 ta' Frar, 2023 li jammontaw ghas-somma ta' €2004.19 u ghalhekk qed tippretendi li l-attur ghandhu jikkontribwixxi ghal nofs dawn l-ispejjes.
>
> Tenut kont tal-fatt li l-attur kien assuma l-hlas tal-loan u inoltre tenut kont li l-konvenuta hija hatja ta' dina s-separazzjoni, m'hemmx raguni li jiggustifika li l-attur ghandu jassumi nofs il-hlas ta' dawn l-ispejjes tad-dawl u ilma.
>
> Fl-ahhar lok, kwalsijasi dejn li gie kkawzat minn parti jew ohra ghandu jithallas minn dik il-parti li kkawzat dak l-istess dejn. Dan qed jinghad in partikolari ghas-sekwestru li gie indikat mill-attur f'rikors tieghu datat 23 ta' Lulju 2024, imwiegeb b'nota tal-konvenuta datata 7 ta' Awwissu 2024, u ghal kwalunkwe dejn iehor li jista' jirrisulta wara li din is-sentenza tigi res judicata."

9. Il-konvenuta (minn issa 'l quddiem ukoll l-appellanti) appellat b'rikors intavolat fl-14 ta' Novembru, 2024 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnha miġjuba, talbet lil din il-Qorti "*tirrevoka, thassar u tbiddel is-sentenza fl-ismijiet AB vs CB [...] fit-termini tal-aggravvji mressqa f'dan ir-rikors, (i) f'dik il-parti fejn ippronunzjat is-separazzjoni bejn il-kontendenti b'tort unikament attribwibbli lil CB; (ii) f'dik il-parti fejn illikwidat il-komunjoni tal-akkwisti billi ordnat lill-appellanti sabiex thallas lill-appellat l-ammont ta' hmistax-il elf, hames mija u ghaxar Ewro u hamsein centezmnu (€15,510.50) kif ukoll sabiex tkompli thallas wahedha is-self mal-bank kummerċjali HSBC Bank (Malta) plc li sal-20 ta' Mejju, 2023 kellu bilanċ ta' erbatax-il elf, tmien mja u erbgha Ewro (€14,804) u in oltre ordnata thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma fuq il-fond matrimonjali li hija baqghat thallas wahdeha bejn it-8 ta' Ottubru, 2019 T-*

*8 TA' Frar, 2023 fl-ammont ta' elfejn, u erbgha Ewro u dsatax-il ċenteżmu (€2,004.19). Bl-isepjjez taz-zewg istanzi jmorru kontra l-appellat."*

10. L-attur (minn issa 'l quddiem ukoll l-appellat) ressaq ir-risposta tiegħu fit-2 ta' Jannar, 2025, fejn għar-raġunijiet hemm mogħtija, talab li l-appell interpost mill-konvenuta għandu jiġi miċħud.

11. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa ta' l-**Artikolu 152 (5) tal-Kapitolu 12**.

**L-Appell**

12. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha l-appellanti tattakka s-sentenza appellata fejn sabitha unikament ħatja għat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet. Tgħid li għall-kuntrarju l-Ewwel Qorti kellha ssib ħtija fl-attur "abbażi ta' nġurji gravi, sevizzi u adulterju". Tgħid li jekk l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti mhux ser jiġi ri-eżaminat, "sejjer ċertament jinħoloq inġustizzja serja fil-konfront tagħha". Tirreferi għax-xhieda tagħha b'affidavit fejn spjegat illi kien f'Diċembru tas-sena 2015 meta żewġha rċieva "SMS anonimu" fejn ġie allegat li waqt li l-attur kien ikun għax-xogħol hi kienet "qiegħda tmur ma' tlett (3) irġiel fosthom wieħed li kellu crane"; illi żewġha wera dak l-sms lil terzi persuni; u li

għalkemm hija kienet fidila lejn żewġha, minn dak l-episodju tgħid li bdiet it-triq tan-niżla u tispjega b'dan il-mod: "fejn żewġi għall-ebda raġuni ma ried jemminni tant illi beda jsegwi l-passi tiegħi, u anke saħansitra immur nimxi kien jiġi warajja jew jara kif jagħmel ħalli jara fejn kont inkun". Tgħid li filwaqt li fix-xhieda tagħha hija semmiet dan l-sms anonimu li anke intbaghat wieħed lil ommha, u li hija ċaħdet il-kontenut tagħhom, l-attur qatt ma esebixxa dawn l-sms's, ma sejjaħx lill-omm il-konvenuta sabiex tixhed dwar l-sms li rċeviet u lanqas "ipprova jindaga, jfittex u jiskopri min kienet il-persuna li bgħatitlu dawn l-SMSes". Issemmi kif l-attur, għalkemm xehed illi kellu suspetti li martu ma kenitx baqgħet fidila lejh ma' ċertu David u li kien mar fil-ħanut ta' David dwar din il-ħaġa, ma sejjaħx lil dan David bħala xhud. Tgħid li "Mill-allegazzjonijiet kollha li huwa għamel fil-konfront ta' martu, ma ġabx prova waħda".

13. Tgħid li mix-xhieda tagħha jirriżulta li l-problemi prinċipali taż-żwieġ tagħhom kienu "l-karattru għajjur" tal-attur peress li kif xehdet hi, ma kienx jafdha u jaqla' l-paroli u l-ġlied jekk tażżarda tkellem raġel ieħor. Tgħid li għalkemm hija kienet tafda lil żewġha b'għajnejha magħluqa, huwa "qatt ma kellu fiduċja kompleta" fiha. Tgħid li din kienet problema kostanti waqt iż-żwieġ.

14. Tgħid li l-Ewwel Qorti skartat kompletament ix-xhieda tagħha dwar episodji vjolenti da parti ta' żewġha fosthom l-inċident fejn beda jgħajjarha

kliem baxx ġewwa *cafeteria* biswit il-post tax-xogħol tagħha fejn kienet qiegħda titkellem ma' kollega tax-xogħol tagħha li huwa omosesswali, dwar liema inċident l-attur kien instab ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) mogħtija fis-6 ta' Diċembru, 2017 li "insulenta jew hedded lil CB jew jekk kont provokta, ingurjajt b'mod li hrigt mil-limiti tal-provokazzjoni",

15. Tgħid li min-naħa l-oħra l-Ewwel Qorti skartat il-provi "ċari u konkreti" li hija resqet dwar l-adulterju ta' żewġha. Tgħid li waħda mir-raġunijiet għaliex l-Ewwel Qorti qalet li qed twarrabhom il-provi tagħha kien għaliex qieset li ressqet dawn il-provi "lejn l-aħħar tal-proċeduri". Tgħid illi dawn il-provi ressqithom fl-istadju tal-provi tagħha u l-istadju li fih ġew ippreżentati ma jirrendix dawn il-provi "mhux veritiera". Tissottometti illi l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx illi fir-ritratt tal-attur ma' mara oħra kien hemm miktub: "Ghalhekk jgħid kontra tiegħek u li hu separat, ja giddieb li hu". Tgħid li lanqas ħadet in konsiderazzjoni li l-appellat kellu fil-pussess tiegħu vettura tat-tip RAV 4J proprjetà ta' Rita Saliba jew żewġha li kienet ilha għandu minn Settembru 2021. Issemmi kif hija ressqet provi illi fit-12 ta' Mejju 2022 għall-ħabta tal-11.30pm il-vettura msemmija kienet ipparkeġġjata quddiem ir-residenza ta' Rita Saliba. Tgħid li l-Ewwel Qorti skartat dawn il-provi minnha mressqa fiwaqt li min-naħa l-oħra "l-appellat, li ma ġabx prova waħda dwar l-atteġġjament tal-konvenuta li fi kliem l-Ewwel Qorti kienet tati, "ċerti

kunfidenzi żejda mal-irġiel", ġie emmnut, għalkemm huwa ta bidu għal proċeduri odjerni snin wara!". Tgħid li l-provi juru li l-attur ma kienx xi raġel eżemplari kif qisitu l-Ewwel Qorti. Issemmi li fl-atti hemm biżżejjed provi dwar il-karattru vjolenti tiegħu, il-ġelożija li ħonqot il-libertà ta' martu kif ukoll l-adulterju, jekk dan mhux ippruvat, il-kunfidenzi żejda li huwa kellu ma' Rita Saliba. Tagħlaq billi tgħid li l-attur ma kellux jiġi meħlus minn kull responsabbiltà għat-tkissir taż-żwieġ.

16. <u>L-attur appellat jilqa' għal dan l-ewwel aggravju</u> billi jissottometti illi dan l-aggravju huwa purament imsejjes fuq l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti, liema apprezzament m'għandux jiġi disturbat jekk mhux għal raġunijiet gravi u serji. Dwar l-inċident li l-appellanti allegat li seħħ f'Awwissu tas-sena 2016, isemmi kif l-appellanti esebiet biss 'case summary report' mediku maħruġ mill-Isptar Mater Dei fejn l-appellanti allegat li din hija prova li l-attur waddab *fan* lejha u taha daqqa fil-kozz ta' għonqha. Il-konvenuta kienet xehdet illi b'konsegwenza kienet waqgħet mal-art għal daharha u l-intimat gidmilha spallitha. Isemmi kif l-appellanti ma sejħet l-ebda tobba sabiex jikkorroboraw il-verżjoni tagħha. Jgħid illi l-'case summary report' juri li l-appellanti hija persuna "inaffidabbli għal kollox" għal dawn ir-raġunijiet: ir-rapport jindika li l-appellanti marret l-isptar lejn l-aħħar ta' Settembru 2016 u mhux f'Awwissu 2016 u dan wara "2 day history of right flank pain", u cjoè ma kienx ilu minn Awwissu l-uġigħ; skont ir-rapport, meta l-appellanti daħlet l-isptar ma kienx fuq

uġigħ marbut mal-għonq, l-ispalla jew id-dahar, iżda wġigħ marbut ma' uġigħ fiż-żaqq u ta' natura gastrika; ma jirriżultax li l-uġigħ li daħlet bih l-appellanti kien assoċjat ma' xi vjolenza jew li minn tal-inqas kellha xi tbenġil indikattiv t'hekk. Jgħid li dan juri li l-appellanti ppruvat tiżgwida lill-Ewwel Qorti għaliex l-uġigħ ma kienx assoċjat ma' xi vjolenza fiżika imma ma' "fever, chills and rigors" u saret referenza wkoll għal-PMH (*past medical history*) tal-appellanti fejn issemmew kundizzjonijiet ta' 'left renal colc' (indikattiv ta' ġebla fil-kliewi) u 'left ovarian cyst'.

17. Jgħid li mhux minnu li l-Ewwel Qorti skartat l-allegati inċidenti imma sempliċement ma emmnitx lill-konvenuta wara evalwazzjoni oġġettiva. Dwar l-allegat inċident li seħħ ħdejn il-post tax-xogħol tal-konvenuta u li fl-affidavit tagħha tgħid li dan wassal sabiex l-attur jinstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali), jissottometti illi "in atti ma ġiet eżebita ebda sentenza fil-konfront tal-appellat li nstab ħati ta' vjolenza lejn martu". L-istess jgħid dwar l-allegat inċident imsemmi fil-paragrafi (q) u (r) tar-rikors tal-appell, kollha skont l-appellat inċidenti msemmija biss fl-affidavit tal-konvenuta li ġew kontestati mill-appellat.

18. Jissottometti illi l-Ewwel Qorti qieset li l-konvenuta naqset li tipprova l-inċidenti vjolenti li allegat peress li ma ressqet l-ebda ħjiel ta' provi oħra korroboratorji. Jgħid li l-unika prova oġġettiva li ressqet kien

il-‘case summary report’ tal-isptar li wera li l-allegazzjoni tagħha ta’ aġir vjolenti da parti tal-attur hija allegazzjoni fallaċi.

19. Dwar l-aggravju marbut mal-allegazzjoni tal-konvenuta li l-attur kien ikkommetta adulterju, allegazzjoni skartata mill-Ewwel Qorti, l-appellat jgħid li l-appellanti, għalkemm tissottometti li l-Ewwel Qorti skartat il-provi tagħha “ċari u konkreti” dwar l-adulterju tal-appellat, tonqos milli tgħid liema huma l-provi “ċari u konkreti”. Jgħid li l-appellanti lanqas semmiet l-allegazzjoni tal-adulterju tiegħu meta għamlet l-affidavit tagħha fil-bidu ta’ dawn il-proċeduri. U kien biss lejn l-aħħar tal-proċeduri li esebiet b’nota (a) allegata Valentine’s Card li l-appellanti tgħid li sabitha fid-*dustbin* fis-sena 2020 u li kienet indirizzata lill-appellat; u (b) ritratt tal-appellat ma’ persuna femminili jieħdu kafè, ritratt li skont l-appellat huwa evidenti li ġie ‘cropped’, u cjoè nqata’ terza persuna li hu r-raġel tal-persuna femminili fir-ritratt. Jgħid li dan ma kienx ritratt li ttieħed bil-moħbi għaliex ma għandu xejn x’jaħbi filwaqt li l-*valentine’s card*, li setgħet kitbet l-appellanti stess, ma hix prova konkreta ta’ adulterju. Wisq anqas ritratt ma’ koppja jieħdu kafè ġewwa *cafeteria.*

20. Jissottometti li fl-istess ħin l-appellanti ftit li xejn tikkummenta fejn l-Ewwel Qorti sabitha ħatja ta’ sevizzi u nġurji gravi fil-konfront tal-appellat. Isemmi kif matul iż-żwieġ qatt ma kellhom problemi serji sakemm fis-sena 2014 seħħ bdil fl-atteġġjament tal-konvenuta meta bdiet

toħroġ mal-lejl u tidħol id-dar fis-sakra. Isemmi kif l-adulterju tal-konvenuta ġie ammess minnha stess f'okkażjoni minnhom meta ġiet lura tard bil-lejl u li quddiem it-tfal qaltlu li ilha ħames snin taqlibhielu. Jgħid li l-konvenuta dan l-episodju ma ċaħditux fl-affidavit tagħha. Isemmi li lanqas ċaħdet li kienet qed iddum barra mal-lejl u li ħafna drabi tirritorna lura fis-sakra quddiem it-tfal u darba għajritu 'finocchio'. Dan kollu ma ġiex miċħud mill-appellanti. Jgħid li anke l-Ewwel Qorti għamlet osservazzjoni dwar dan.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

21. Bħala punt tat-tluq dwar aggravju li qed jikkontesta bħala żbaljat l-apprezzament li tkun għamlet qorti tal-ewwel grad, ma hu qatt barra minn loku li jiġi ribadit li hija regola stabbilita illi filwaqt li din il-Qorti tgawdi awtonomija meta tiġi sabiex tgħarbel il-provi in atti, fl-istess ħin ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun għamlet qorti tal-ewwel grad sakemm ma jirriżultax ċirkostanzi eċċezzjonali jew jintwera li jkun sar apprezzament irraġjonevoli jew kontradittorju tal-fatti (ara sentenzi ta' din il-Qorti: **Avv. Dr Luigi Sansone nomine v Strabuono Coffee International Limited** mogħtija fit-12 ta' Jannar, 2023 u u **Jason Desira et v. Antoine Delicata et** mogħtija fid-29 ta' Marzu, 2023).

22. Bħala prinċipju ġenerali n-norma stabbilita tad-dritt probatorju bl-**Artikolu 562 tal-Kapitolu 12** hi li "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*." Kif ġie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili,** mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1953 "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"*." (ara wkoll **Gaetano Micallef vs Martha Micallef** - Appell Superjuri - 7 ta' Frar, 2019.)

23. Dak li huwa ta' importanza huwa li l-prova trid tkun l-aħjar waħda fiċ-ċirkostanzi biex tissostanzja l-allegazzjoni (**Artikolu 559 tal-Kapitolu 12**). Jingħad ukoll fir-rigward tal-materja ta' provi, li l-oneru tal-prova huwa ugwalment spartit bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), u kemm fuq il-konvenut, in sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretensjonijiet tal-attur (*reus in excipiendo fit actor*). Jekk il-parti attriċi tonqos li tipprova kif imiss il-premessi tat-talbiet tagħha, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara. **Hans J. Link et. v. Raymond Mercieca** - Appell Inferjuri - 12 ta' Jannar, 2001). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod

fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara **Chef Choice Limited v. Raymond Galea et.** - Prim' Awla 26 ta' Settembru, 2013; **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil** - Appell Inferjuri - 7 ta' Mejju, 2010).

**L-Ewwel Aggravju – Ħtija għat-tifrik taż-żwieġ**

24. Taħt l-ewwel aggravju, l-appellanta tippremetti li l-Ewwel Qorti kellha ssib ħtija fl-appellat ta' nġurji gravi, sevizzi u adulterju.

25. **Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li:

> "Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:
>
> Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta'dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni."

26. Dwar l-adulterju bħala kaġun għall-firda personali, **Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li:

> "Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."

***Dwar sevizzi u inġurji gravi***

27. Sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni ta' separazzjoni personali m'hemmx ħtieġa li jiġu ppruvati l-eċċessi, is-sevizzi, il-minaċċi u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv. Huwa suffiċjenti li tiġi ppruvata raġuni waħda minnhom sabiex jiġi stabbilit li l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew tat-tnejn. (ara **Eliza Thompson v Edward Thompson** - Prim'Awla - 12 ta' Mejju, 1925). Mill-banda l-oħra jrid ikun hemm ċertu gravità f'dawk l-eċċessi u l-inġurji gravi b'tali mod li jdejqu, jumiljaw u juru disprezz lejn dak li jkun, bil-konsegwenza li jagħmlu insopportabbli l-koabitazzjoni u l-ħajja miżżewġa (ara **Marisa Risiott v. Wayne Risiott** - Appell Superjuri - 29 ta' April, 2016; **Antonia Micallef v. Mario Micallef** - Appell Superjuri - 7 ta' Diċembru, 2023).

28. Dwar x'jikkostitwixxi sevizzi fil-kuntest ta' separazzjoni personali nżamm illi l-liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni personali l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri. Għalhekk anke f'każ ta' inċident iżolat, kollox jiddependi mill-gravità ta' dak l-inċident. (ara **Caterina Agius v. Benedict Agius** - Prim'Awla - 13 ta' Ġunju, 1967).

29. Ukoll, aġir vjolenti fiżiku jew morali ta' entità gravi jista' jiġi kkunsdirat bħala raġuni għat-tkissir taż-żwieġ għaliex jikkostitwixxi inġurja gravi. Jekk tali atti illegali jiġu eżerċitati ripetutament u fuq bażi abittwali, tali inġurji gravi jissarrfu f'sevizzi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. (ara **Jayne Margaret Chetcuti v. Lawrence Chetcuti** - Appell Superjuri - 15 ta' Diċembru, 2015; **Francienne Fenech v. Alexander Fenech** - Appell Superjuri - 29 ta' April, 2016). Tgħajjir tal-konjuġi bejniethom mhux neċessarjament jikkostitwixxi inġurja gravi li għandha twassal għas-separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn waħda mill-partijiet fiż-żwieġ lejn il-parti l-oħra "huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw għall-inġurja gravi" li tiġġustifika t-talba għal separazzjoni personali. Kif ukoll, "Huma sevizzi dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjuġi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joħolqu eżarċerbazzjoni f'dak il-konjuġi hekk offiż u avversjoni profonda għall-konjuġi l-ieħor li jikkometti dawk l-atti" (siltiet minn **Giuseppa Agius v. Pacifiko Agius** - Appell Superjuri - 10 ta' Diċembru, 1951).

30. Distinzjoni oħra li ssir bejn sevizzi u eċċessi hija s-segwenti. "Eċċessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjuġi fil-konfront tal-konjuġi l-ieħor jew l-oħra li huma tant gravi li jistgħu jpoġġu fil-periklu s-saħħa jew addirittura l-ħajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fiżika iżda wkoll psikoloġika. Vjolenza psikoloġika gravi, kostanti u fuq medda ta' żmien tista' wkoll twassal għad-dannu fis-saħħa ta' min

jissubixxi tali vjolenza psikoloġika u għalhekk tikkwalifika wkoll bħala "Eċċess" fit-termini tal-**Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili**. "Moħqrija", jew kif aħjar isibuha fil-ġurisprudenza "Sevizzi", huma atti gravi ta' krudeltà illi għalkemm ma jpoġġux il-ħajja jew is-saħħa ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fiżika jew psikoloġika. Tali azzjonijiet ta' krudeltà jikkwalifikaw bħala "moħqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika għal nuqqas taħt l-Artikolu 40 jeħtieġ li tkun mhux biss gravi iżda wkoll ripetuta. (ara **Antoine Portelli v. Marthese sive Merthis Portelli** - Appell Superjuri - 31 ta' Mejju, 2019).

***Dwar l-Adulterju***

31. Kif ġie diversi drabi mtenni mill-qrati tagħna, bħala prova ta' adulterju, huwa diffiċli jekk mhux kważi impossibbli li jkollok prova definittiva tal-fatt *in flagrante*, u fid-dawl tas-serjetà tal-akkuża, l-ġurisprudenza ma tesiġix testimonjanza *de visu* tal-fatt adulteruż, iżda li min qiegħed jallega l-adulterju jrid jipprova dan permezz ta' indizji u preżunzjonijiet, li jridu jkunu preċiżi, gravi, konkordanti u univoċi biex b'hekk ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika (ara **Serafina Camenzuli v. Lawrence Camenzuli** - Appell Superjuri - 30 ta' Mejju, 2008; **Catherine Bartolo v. Joseph Bartolo** - Appell Superjuri - 30 ta' Settembru, 2011; u **Dr Corinne Wood pro et noe v. Dr Martin Schranz** - Appell Superjuri - 16 ta' Lulju, 2024). Madankollu ġie deċiż ukoll li jekk

dawn l-indizji ma jkunux daqstant ċari u gravi li jippruvaw l-adulterju, iżda però jissuġġerixxu ħbiberija intima u speċjali, il-Qorti jista' jkollha raġunijiet biżżejjed biex tiddeċiedi li tali ħbiberija tikkostitwixxi inġurja gravi skont l-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili (ara **Gaetano Micallef v. Martha Micallef** - Appell Superjuri - 7 ta' Frar, 2019; **Susan Armeni vs Leonard Armeni** Appell Superjuri - 30 ta' Ottubru, 2015; u **Jacqueline sive Jacoba Camilleri v. Joseph Camilleri** - Appell Superjuri - 2 ta' Marzu, 2018). Mill-banda l-oħra jekk parti fiż-żwieġ tallega adulterju da parti tal-parti l-oħra fiż-żwieġ u ma ġġibx provi, lanqas permezz ta' indizji preċiżi u konkordanti li kien hemm relazzjoni intima ma' terza persuna, <u>tali allegazzjoni serja mhux ippruvata, lanqas sal-livell tal-inġurja gravi, tikkostitwixxa minnha nnifisha inġurja gravi kommessa minn min jagħmel tali allegazzjoni serja</u> (ara **Hugh Greengrass v. Lucia Greengrass** - Prim'Awla - 2 ta' Ottubru, 2003)

32. Huwa wkoll miżmum li minkejja l-adulterju huwa l-akbar trasgressjoni fir-relazzjoni matrimonjali, mhux neċessarjament huwa dejjem il-kaġun tal-firda, iżda jista' jkun il-konsegwenza ta' żwieġ li ġia tkisser irrimedjabbilment għal raġunijiet oħra (ara **Patrick John Mulholland v. Simonette Mulholland** - Appell Superjuri - 14 ta' Novembru, 2024).

33. Applikata l-liġi u l-ġurisprudenza fuq ikkunsidrata għall-appell li għandna quddiemna, din il-Qorti ma ssibx li l-appellanti għandha għal kollox raġun safejn l-Ewwel Qorti sabitha ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet. L-Ewwel Qorti ma sabitx li tressqu provi biżżejjed li jikkonvinċuwha li kienet ħatja ta' adulterju. Tgħid hekk l-Ewwel Qorti fir-rigward: "Il-Qorti tirrileva li dawn il-provi per se mhumiex provi suffiċjenti li jikkonvinċuha li kien hemm adulterju sal-grad rikjest mil-liġi. Mhumiex ċari, konkordanti u lanqas ma jirrappreżentaw indizji ċari". Mill-banda l-oħra sabitha ħatja ta' "inġurji gravi u sevizzi" minħabba li qieset li "ċertament hemm indikazzjonijiet li kien hemm ċerti kunfidenzi żejda mal-irġiel, peress li hemm il-messaġġi anonimi, kif ukoll il-fatt li l-konvenuta ma tantx innegat dak kollu li xehed fuqu l-attur". Qieset għalhekk il-verżjoni tagħha bħala li mhux kredibbli.

34. F'ċirkostanzi bħal dawn din il-qorti tat-tieni grad tagħti piż qawwi l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet il-qorti tal-ewwel grad li tkun għexet il-kawża ta' din ix-xorta ta' kunflitti palpitabbli. Tqis illi kien hemm provi biżżejjed sabiex l-Ewwel Qorti ssib li l-konvenuta kienet ħatja ta' almenu inġurji gravi fejn jirrigwarda episodji mhux iżolati fejn il-konvenuta toħroġ matul il-lejl, tidħol lura fis-sakara u quddiem l-ulied minuri tal-partijiet tgħajjar lill-attur u tgħidlu bla tlaqlik li kienet taqlibhielu. Il-fatt li dawn kienu inġurji mhux biss gravi imma wkoll li rrepetew ruħhom, jieħdu wkoll il-karattru ta' sevizzi. Għalhekk, filwaqt li ma taqbilx għal kollox fejn

l-Ewwel Qorti sabet li kien hemm provi biżżejjed dwar l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta kienet tagħti kunfidenzi żejda lill-irġiel, mill-banda l-oħra taqbel pienament mal-Ewwel Qorti dwar il-ħtija misjuba mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellanti dwar inġurji gravi u sevizzi marbuta mal-istil ta' ħajja li bdiet tgħix fl-aħħar żminijiet tal-konvivenza matrimonjali..

35. Din il-Qorti però ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti fejn ma sabet l-ebda ħtija fuq l-attur. Filwaqt li taqbel mal-Ewwel Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha illi l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-attur ikkommetta adulterju ma ġietx ippruvata, kif lanqas ġiet ippruvata l-allegazzjoni ta' vjolenza fiżika; fl-istess ħin però ma taqbilx li l-attur ma kienx responsabbli ta' inġurji gravi fil-konfront ta' martu qabel ma ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment.

36. Irriżulta li l-appellat kien isus wara l-appellanti għaliex kien jemmen li kienet f'relazzjoni intima ma' ħaddieħor. Il-konvenuta xehdet kemm kien kontinwament jgħajjarha li tmur mal-irġiel tant li fil-jum tal-1 ta' Settembru 2017 għal ħabta tas-2.30pm, filwaqt li l-konvenuta kienet f'*cafetteria* biswit fejn taħdem flimkien ma' ħaddiem ieħor fuq l-istess post tax-xogħol, l-attur mar fuqhom u beda jgħajjarha quddiem kulħadd. U beda joħdilhom ir-ritratti. Tgħid li hija għamlet rapport l-għassa u ttieħdu passi kontra l-attur. L-appellat innega dan kollu tant li jgħid li ma hemm l-ebda prova in atti ħlief il-kelma tal-konvenuta.

37. Dan mhux korrett. Hemm in atti prova li fis-6 ta' Diċembru, 2017 il-Qorti tal-Maġistrati (Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) sabet lill-attur ħati li fl-1 ta' Settembru, 2017 għal ħabta tas-2.30pm huwa insulenta u hedded lill-konvenuta u li ġie kkundannat ammenda ta' mitt ewro (€100).[1] Ma jirriżultax li l-attur appella dik is-sentenza. Għalkemm dan id-dokument ma hux awtentikat, u huwa kopja tal-komparixxi bil-kundanna miktuba mill-maġistrat li ppresjeda dak il-proċess, l-appellat qatt ma kkontesta l-veraċità ta' dak id-dokument u lanqas talab l-isfilz tiegħu. Dan l-inċident seħħ fis-sena 2017 filwaqt li l-attur fetaħ il-kawża odjerna fis-sena 2020, tliett snin wara. Ix-xhieda tal-konvenuta li minn dak il-mument 'il quddiem it-trattament ħażin da parti tal-attur baqa' jiddeterjora b'tgħajjir u akkużi ta' infedeltà kontinwi jaqbel mal-kumpress tal-provi, u din il-Qorti ssib li anke l-attur kien jaħti għat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet minħabba inġurji gravi kif spjegat.

38. **Tilqa' għalhekk parzjalment l-ewwel aggravju, u ssib li għat-tkissir taż-żwieġ kienu jaħtu ż-żewġ partijiet u mhux kif deċiż fis-sentenza appellata.**

**It-Tieni Aggravju – Xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti t**

[1] Fol. 56

39. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellanti tgħid li ma taqbilx mal-eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti magħmul mill-Ewwel Qorti safejn jikkonċerna l-kundanna sabiex l-appellanti tħallas lill-appellat is-somma ta' €15,510.50 kif ukoll sabiex tkompli tħallas waħedha s-self mal-bank kummerċjali li sal-20 ta' Mejju, 2023 kellu bilanċ ta' €14,804 kif ukoll sabiex ma tiġix rifuża sehem l-appellat mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma li hija baqgħet tħallas waħedha bejn it-8 ta' Ottubru, 2019 u t-8 ta' Frar, 2023 fl-ammont ta' €2,004.19.

40. <u>Dwar is-somma ta' €15,510.50</u> dawn huma relatati ma' self minn bank li l-partijiet flimkien kienu għamlu lura fis-sena 2007 f'somma ekwivalenti għal €46,587.46 li minnhom €15,565.52 kienu marru sabiex jiġi saldat self li kellhom ma' bank ieħor. L-Ewwel Qorti sabet għalhekk li s-somma bilanċjali ta' €31,021.94 intużat "to purchase furniture and appliances" *ai termini* tal-kundizzjonijiet tas-self u kien għalhekk li ordnat lill-konvenuta tħallas lill-attur nofshom u cjoè €15,510.50.

41. Hemm qbil bejn il-partijiet illi kienu daħlu jgħixu fil-fond matrimonjali, proprjetà parafernali tal-konvenuta, *circa* ħmistax-il sena ilu u li fiż-żmien li daħlu hemm jirrisjedu, id-dar sarulha xogħlijiet inkluż madum, kmamar tal-banju u soffitti kif ukoll xogħlijiet ta' dawl u ilma.

42. Il-*loan account* komuni fuq imsemmi li kien infetaħ fit-28 ta' Diċembru 2007 u llum għandu bilanċ ta' €14,804.00 li l-Ewwel Qorti ordnat li għandu jitħallas lura esklussivament mill-konvenuta.

43. Din il-Qorti ssib l-aggravju dwar is-somma ta' €15,510.50 bħala fondat. Jekk il-partijiet matul iż-żwieġ ħadu self mill-bank fis-somma ta' €31,021.94 u li minnha llum hemm bilanċ għadu dovut lill-bank fis-somma ta' €14,804.00, ma jsegwix li għaliex ħmistax-il sena ilu l-partijiet nefqu €31,021.94 sabiex ġiet attrezzata d-dar matrimonjali fejn il-partijiet miżżewġa għexu u rabbew il-familja tagħhom, il-konvenuta għandha tirrifondi lill-attur nofshom daqslikieku t-tgawdija ta' dawk il-miljoramenti gawdiethom hi waħedha. Jirriżulta li għal ħmistax-il sena sħaħ l-attur għex f'dik id-dar. Jirriżulta wkoll li tul dawk is-snin kollha trabbew fl-istess dar ulied il-partijiet li huma wkoll ulied l-attur li kellu l-obbligu inerenti fil-vesti ta' ġenitur li jqiegħed saqaf fuq ras uliedu. Għalhekk din il-Qorti ma taqbilx mas-sentenza appellata safejn ordnat lill-konvenuta tħallas lill-attur nofs is-self bankarju li l-partijiet ħadu fis-sena 2007. Aktar u aktar meta dik il-*loan* għadu sal-lum mhux saldat u hemm bilanċ pendenti ta' 'l fuq minn €14,000.00. Jekk l-attur ippretenda nofs il-benefikati kien l-oneru tiegħu li jġib il-prova ta' kemm jiswew illum, u mhux kemm ħadu self ħmistax-il sena ilu. Kellu l-oneru li jgib il-prova ta' kemm l-għamara tiswa' llum wara ħmistax-il sena tintuża u titgawda inkluż minnu u mhux

la ġab il-valur tagħha llum u lanqas ta' kemm kienet tiswa ħmistax-il sena ilu. L-ebda prova fir-rigward ma ressaq l-attur.

44. **Issib għalhekk fondat l-ewwel parti tat-tieni aggravju.**

45. Mhux l-istess però dwar il-bilanċ li għad irid jitħallas lill-bank. Huwa minnu kif tgħid l-appellanti li minn fuq dawk il-benefikati għaddew ħafna snin, però xi valur baqagħlhom. (ara **Jacqueline siva Jacoba Camilleri v. Joseph Camilleri** - Appell Superjuri - 2 ta' Marzu, 2018). Għalhekk taqbel mal-Ewwel Qorti li l-bilanc fuq il-*loan account* mal-bank għandu jkun responsabbiltà esklussiva tal-konvenuta appellanti.

46. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti tattakka dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ċaħditilha t-talba sabiex l-attur jirrifondilha nofs l-ammont tas-somma ta' €2004.19 rappreżentanti l-ħlasijiet tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar matrimonjali għall-perjodu bejn it-8 ta' Ottubru, 2019 u t-8 ta' Frar, 2023 meta l-partijiet kienu għadhom taħt l-istess saqaf. L-Ewwel Qorti ċaħditilha dik it-talba wara li kkunsidrat li "l-attur kien assuma l-ħlas tal-loan u inoltre tenut kont li l-konvenuta hija ħatja ta' dina s-separazzjoni, m'hemmx raġuni li jiġġustifika li l-attur għandu jassumi nofs il-ħlas ta' dawn l-ispejjeż tad-dawl u l-ilma."

47. Apparti li din il-Qorti qed issib li għat-tkissir taż-żwieġ jaħtu ż-żewġ partijiet u mhux il-konvenuta waħedha; r-raġuni l-oħra mogħtija mill-

Ewwel Qorti għaliex l-attur kien assuma l-ħlas tal-*loan* allura m'għandux iħallas sehemu mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma, ma hix raġuni li din il-Qorti tqis li hi valida peress li, kif jingħad fl-istess sentenza appellata, "Konsiderando li l-fond huwa parafernali għall-konvenuta u konsiderando ukoll li għalkemm l-attur kien assuma waħdu l-ħlas ta' dan is-self, dan kien minħabba li kien manteniment dovut għat-tifla Maria u kien jiġi saldat b'tali ħlas". Ladarba l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-attur kien qed jeffettwa l-pagamenti mensili lill-bank minflok iħallas lill-konvenuta l-manteniment mensili għal bintu minuri, ma tarax li din tista' tiġġustifika li l-attur ma jikkontribwixxix sehemu mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma għaż-żmien li kien għadu jirrisjedi flimkien ma' martu u wliedu fid-dar matrimonjali.

48. **Tilqa' għalhekk din l-aħħar parti tat-tieni aggravju.**

**Deċiżjoni**.

Għal dawn ir-raġunijiet tiddisponi minn dan l-appell billi,

1. **Tilqa' parzjalment** l-ewwel aggravju. Tvarja s-sentenza appellata billi ssib illi għat-tkissir taż-żwieġ kienu jaħtu ż-żewġ partijiet u mhux kif deċiż fis-sentenza appellata;

2. **Tilqa' parzjalment** it-tieni aggravju. Tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha safejn ordnat lill-konvenuta appellanti tħallas lill-attur

appellat is-somma ta' ħmistax-il elf, ħames mija u għaxar ewro u ħamsin ċenteżmu (€15,510.50); kif ukoll tħassarha fejn ċaħdet it-talba tal-konvenuta sabiex l-attur iħallasha nofs il-kontijiet tad-dawl u l-ilma għall-perjodu mit-8 ta' Ottubru, 2019 u sat-8 ta' Frar, 2023, u minflok tikkundanna lill-attur iħallas lill-konvenuta s-somma ta' elf u żewġ ewro (€1,002);

3. **Fir-rigward tal-ispejjeż**, tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha fejn ikkundannat lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-kawża u minflok tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenuta.

4. **Mill-bqija**, safejn kompatibbli mal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula, tikkonferma s-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
Ss